MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 2054/2000/1

**Citazzjoni numru 2054/00 GC**

**Joseph u Elizabeth  konjugi Borg**

**vs**

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta’ AXA Insurance ga’ Guardian Royal Exchange plc**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Peress lill-attur kien assigurat mas-socjeta konvenuta ghal-diversi snin u aktar precizament ghal dawn l-ahhar erba’ (4) snin; u

Illi l-attur kellu polza ta’ assigurazzjoni fuq il-vettura propjeta tieghu li ghandha numru ta registrazzjoni CAB949 tal-marka Skonda tat-tip comprehensive coverage; u

Illi il-vettura kienet stmata mis-socjeta konvenuta li ghandha valur ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) fid-data tat-tigdid tal-assigurazzjoni fl-1 ta’ April 2000 u dan skond l-iskeda tal-Malta Insurance Association u huwa fuq dan l-ammont li nhadem il-premium li thallas lis-socjeta konvenuta mill-attur; u

Illi fis-7 ta’ Mejju 2000, l-attur kien involut f’incident awtomobilistiku bil-vettura tieghu, liema vettura sofriet danni extensiv; u

Illi l-attur ghamel claim mas-socjeta konvenuta ghat-tiswija tal-vettura;

Illi permezz ta’ korrispondenza datata 29 ta’ Mejju 2000 is–socjeta konvenuta gharrfet lill-attur li t-tiswijiet tal-vettura tieghu kienu ser issiru permezz ta’ patterned parts ossia parts mhux originali Dok A; u

Illi s-socjeta konvenuta offriet l-alternattiva li l-vettura tigi dikjarata beyond economical repair, u l-attur jithallas is-somma ta’ seba’ mitt lira Maltin (LM700), liema offerta giet rifjutata; u

Illi permezz ta’ korrispondenza ulterjuri datata 19 ta’ Lulju 2000 is-socjeta konvenuta offriet somma riveduta u cioe’ ta’ disa mitt lira Maltini (Lm900) bhala cash settlement Dok B; u

Illi minhabba t-tul ta’ zmien u nuqqas ta’ ftehim bejn il-paritjiet dwar it-tiswija tal-vettura li ghandha sallum mhix funzjonabbli, l-attur sofra danni konsistenti f’telf ta’ qlieh; u

Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghat-tiswija tal-vettura b’parts originali, kif ukoll ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, din baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-aturi talbu li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li fiz-zmien tal-incident awtomobilistiku, u cioe fis-7 ta’ Mejju 2000, il-vettura kellha fil-fatt valur ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500);

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont imsemmi ta’ elf u hames mitt lira Maltin (LM1500) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo permezz ta’ perit nominandi;

3. Tiddikjara li fiz-zmien bejn id-data tal-incident awtomobilistiku sallum , l-attur sofra danni ulterjuri konsistenti f’telf ta’ qliegh;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza tal-inadempjenza tas-socjeta konvenuta, okkorrendo permess ta’ periti nominandi;

5. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas ulterjorment dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittri interpellatorji datati 30 ta’ Mejju 2000 u 17 ta’ Awissu 2000, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-guirament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejngie eccepit :-

1. In-nullita tac-citazzjoni fil-konfront tal-eccipjent billi l-konvenut gie mharrek hazin stante li Atlas Insurance Agency qed tirrapprezenta lill-A X A Insurance PLC, li hija ditta assikuratrici estera, u fil-fatt il-polza hija mahruga hawn Malta, pero’ wara l-polza finalment issib lill A X A Insurance PLC. Ghalhekk il-konvenut kif imharrek mhwiex il-legittimu kontradittur;

2. Illi, bla pregudizju ghas-suespost it-talbiet attrici huma wkoll rigettati billi kull korrispondenza u kollokju sar ’bla pregudizju’;

3. Illi l-eccipjent skond l-istess polza, ghandu l-ghalzla li jew ihallas biss ‘il-market value’ tal-vettura (u din hija ferm inqas minn dik mitluba mill-atturi), jew li jirripara l-vettura. L-atturi fil-kaz ta’ total loss m’ghandhomx dritt ghall-loss of use, waqt f’kaz ta’ tiswija l-loss of use tirrifletti biss il-parti tat-tiswija biss;

4. Illi l-valur imsemmi fic-citazzjoni kien iddikjarat unilateralment mill-atturi biss u qatt ma gie akkompanjat b’xi ‘survey report’ jew ibbazat fuq il-market valur tal-istess car;

Rat id-dikjarzzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-18 ta’ Dicembru 2000 li bih giet ordnata zieda fl-okkju tal-kawza wara l-isem tas-socjeta konvenuta u b’hekk giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur u x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2003;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li huma kellhom ghal diversi snin il-vettura taghhom tal-marka Skoda numru ta’ registrazzjoni CAB949 assigurata “comprehensive” mas-socjeta assikuratrici konvenuta. L-atturi assiguraw l-

imsemmija vettura ghas-sena li bdiet fl-1 ta’ April 2000 ghall-valur kompressiv ta’ elf u hames mitt liri maltin (Lm1500), li kien il-valur skond l-iskeda tal-Malta Insurance Association u kien fuq dan il-valur li thallas il-premium lis-socjeta konvenuta. F’Mejju 2000 l-attur kien involut f’incident stradali bl-imsemmija vettura tieghu, li bhala konsegwenza sofriet danni estensivi;

L-atturi jkomplu jippremettu li ghall-ewwel is-socjeta konvenuta offriet li ssewwi l-vettura permezz ta’ “spare parts” li ma kienux originali. Sussegwentement is-socjeta konvenuta, in vista tal-fatt li l-vettura kienet “beyond economical repairs”, offriet li thallas lill-atturi bhala valur tal-vettura in kwestjoni s-somma ta’ seba’ mitt lira maltin (LM700) u sussegwentement is-somma ta’ disa mitt lira maltin (Lm900). Din l-offerta giet rifjutata mill-atturi li nsistew li kellha tithallas is-somma kollha assigurata. L-atturi inoltre jippretendu li sofrew danni minhabba it-tul ta’ zmien kemm qed jiehdu it-trattattivi relattivi;

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li fiz-zmien tal-imsemmi incident stradali l-vettura in kwestjoni kienet effettivament tisswa elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) u konsegwentement is-socjeta assikuratrici konvenuta tigi kundannat thallas l-imsemmi ammont ta’ Lm1500 jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti. L-atturi inoltre talbu li jigi dikjarat li fiz-zmien tal-incident stradali in kwestjoni sallum l-atturi sofrew danni ulterjuri konsistenti f’telf ta’ qliegh u li jigu likwidati dawn id-danni;

Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li, skond il-polza, hi tista tghazel li jew thallas biss ‘il-market value’ tal-vettura jew li l-istess vettura tigi riparata. L-atturi fil-kaz ta’ total loss m’ghandhomx dritt ghall-loss of use, waqt f’kaz ta’ tiswija l-loss of use tirrifletti biss il-parti tat-tiswija biss. Inoltre l-valur imsemmi fic-citazzjoni kien iddikjarat unilateralment mill-atturi u qatt ma gie akkompanjat b’xi ‘survey report’ jew ibbazat fuq il-market valur tal-istess vettura;

Li huwa zgur hu li sa qabel ma bdiet din il-kawza l-partijiet ma kienux ghadhom qabblu x’kien ser isir bil-karozza cioe

jekk din kinitx ser tissewwa jew le. In effett l-istess karozza ghada qed tinzamm gewwa garage bla ma thallset il-licenzja relattiva jew l-assikurazzjoni relattiva. L-atturi qed ihallsu l-kera ta’ dan il-garage;

Li jirrizulta mill-provi hu li l-vettura ta’ l-atturi, cioe’ dik tal-marka “Skoda Favorit”, bin-numru ta’ registrazzjoni CAB 949, kienet assigurata mas-socjeta konvenuta ‘fully comprehensive’, b’excess ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25). Il-vettura kienet ilha hekk assikurata ghal diversi snin qabel ma l-attur f’Mejju 2000 kien involut bl-istess vettura f’incident stradali u bhala konsegwenza l-vettura sofriet hsarat estensivi fuq in-naha ta’ quddiem taghha;

Ghalhekk din il-vertenza, appuntu, bdiet f’Mejju 2000 bl-imsemmi incident stradali. Wara li saret survey, da parti tas-socjeta konvenuta, u wara li saret stima tal-hsarat, is-socjeta konvenuta ghal-ewwel iddecidiet li t-tisswijiet kellhom isiru permezz ta’ spare parts li ma kienux l-originali. Din il-proposta ma gietx accettata mill-atturi. Ghalhekk is-socjeta konvenuta pproponiet li tghamel pagament lill-atturi ta’ somma ta’ seba mitt liri maltin (Lm700) u l-atturi kellhom jiehdu hsieb u jiehdu r-responsabilita’ li jghamlu t-tisswijiet relattivi. Din l-offerta ukoll ma gietx accettata mill-atturi u ghalhekk is-socjeta konvenuta gholliet il-proposta tal-pagament ghas-somma ta’ disa mitt liri maltin (Lm900). L-atturi ukoll irrifjutaw;

F’hin minnhom meta kien ghadu ma hemmx qbil bejn il-partijiet x’kellu jsir, is-socjeta konvenuta rtirat l-assikurazzjoni in kwestjoni u ghalhekk il-vettura ma kinitx koperta b’assikurazzjoni u ma setghetx tibqa tinzamm fit-triq. L-atturi minhabba f’hekk u minhabba li ghadda hafna zmien u ma kienx hemm qbil x’kellu jsir jippretendu li sofrew danni konsistenti principalment fil-fatt li kellhom jikru garage fejn setghu jzommu l-karozza. L-attur ukoll isostni li kellu jikri karozza anke minhabba n-natura tax-xoghol tieghu;

Ghandu jinghad mill-ewwel li jirrizulta b’mod sufficjenti li meta giet biex tiggedded il-polza tal-assikurazzjoni in kwestjoni kien hemm qbil bejn is-socjeta konvenuta

assikuratrici u l-atturi li l-valur tal-vettura kien ta’ circa elf u hames mitt liri maltin (Lm1500). Barra minn hekk jirrizulta ukoll li dan kien il-valur tas-suq tal-istess vettura. Difatti jidher li l-karozza qabel l-imsemmi incident stradali kienet fi stat tajjeb kemm minn barra kif ukoll minn gewwa u ma kellix sadid;

F’dan l-istadju trid issir referenza ghad-deposizzjonijiet tal-Claims Manager tas-socjeta konvenuta. Dan xehed li hi l-prattika tas-socjetajiet assikuratrici li meta issir renova ta’ assikurazzjoni huma joqodu, bhala valur tal-vettura li tkun trid tigi assikurata, fuq “guidelines” li jigu pubblikati mill-istess socjetajiet assikuratrici. Ghall-ewwel dan ix-xhud ta’ wiehed x’jifhem li l-valur ta’ Lm1500 ghar-rigward tal-vettura in kwestjoni meta sehh l-imsemmi incident ma kienx wiehed reali u l-valur effettiv kien ferm inqas. Sussegwentement, pero’, dan l-istess xhud jaccetta li s-socjeta konvenuta kienet qablet li tassigura l-vettura ghal valur ta’ elf u hames mitt lira (Lm1500). Jaccetta ukoll li s-socjeta konvenuta accettat l-imsemmi valur ta’ Lm1500 bhala li kien fil-fatt il market value tal-vettura in kwestjoni;

Fid-dawl ta’ dan kollu jirrizulta sufficjentement pruvat li l-valur li ghalih kienet assikurata l-vettura in kwestjoni fil-hin tal-imsemmi incident stradali kien wiehed reali u ghalhekk is-socjeta konvenuta la darba wasslet ghal konkluzjoni li il-karozza kienet “total loss” kellha finalment taccetta li thallas l-istess somma, cioe Lm1500, bit-tnaqqis tal-excess u li r-“wreck” ikun taghha b’hekk Lm1500 li minnhom ghandha titnaqqas is-somma ta Lm25. Ghalhekk is-socjeta konvenuta ghandha tigi kundannata thallas lill-atturi s-somma ta’ elf erba mija u hamsa u sebghin liri maltin (Lm1475). Il-proprjeta tar-“wreck” ghandha tkun tas-socjeta konvenuta;

Is-socjeta konvenuta naqset li toqod ghall-obbligi taghha u ghalhekk hija ukoll passibbli ghal danni ulterjuri li ma jiddependux mit-tip ta’ kuntratt li kien hemm esistenti bejn il-partijiet izda huma naxxenti mill-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tirrikonoxxi l-obbligi taghha versu l-atturi fi zmien ragjonevoli. Dawn id-danni ghandhom jiehdu l-forma ta’ imghaxxijiet legali fuq l-imsemmi

ammont ta' Lm1475 u dana mid-data meta l-karozza bdiet tinzamm mill-atturi f'garage sad-data tal-effettiv pagament u ghalhekk mill-15 ta' Gunju 2000. Dawn id-danni ghandhom ukoll jinkludu l-ammont tal-kera li l-atturi hallsu sabiex il-vettura tinzamm f'garage u cioe s-somma ta' Lm120 fis-sena mill-15 ta' Gunju 2000 sad-data ta' din is-sentenza u dana skond kif hemm indikat fil-prospett a fol.53. B'hekk ir-rifuzjoni tal-kera imhallsa mill-atturi qed jigi kalkolat a bazi ta erba snin kera minn Gunju 2000 sa Gunju 2004 u ghalhekk b'kollox  erba mija u tmenini liri maltin (Lm480);

Ghandha issir ukoll referenza ghal xi rimarki li ghamel ix-xhud in kwestjoni, cioe' l-Claims Manager tas-socjeta konvenuta. Dan ix-xhud qal li hi l-prattika tas-socjetajiet tal-assikurazzjoni li fejn ikun hemm bzonn ta' diversi spare parts u fejn il-vettura in kwestjoni tkun ilha tintuza fuq it-triq ghall-aktar minn ghaxar snin, it-tisswija relattiva ssir billi jintuzaw spare parts mhux originali. Stranament ix-xhud jghid li meta jsir hekk l-assigurati generalment ma jigux informati b'dan il-fatt;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi tilqa l-istess talbiet attrici u fl-ewwel tiddikjara li fiz-zmien tal-incident awtomobilistiku, u cioe fis-7 ta' Mejju 2000, il-vettura in kwestjoni kellha fil-fatt valur ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) u b'hekk tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-atturi l-ammont ta' Lm1500 bit-tnaqqis ta' Lm25 excess, b'hekk li thallas l-ammont ta' elf erba mija u hamsa u sebghin liri maltin (Lm1475) u dana bl-imghaxxijiet kollha legali minn Gunju 2000 sad-data tal-effettiv pagament. Fit-tieni lok tiddikjara li r-"wreck" tal-l-imsemmija vettura ghandu jkun proprjeta tas-socjeta konvenuta. Fit-tielet lok tiddikjara li l-atturi sofrew danni ulterjuri ghall-liema danni hi responsabbli s-socjeta konvenuta u tillikwida dawn id-danni fis-somma komplessiva ta' erba mija u tmenini liri maltin (Lm480) u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-atturi l-istess somma ta' Lm480 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet

legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------